- *mandat t'inibizzjoni – jistax jiġi kkonvertit f'wieħed eżekuttiv*
- *tliet tipi ta' digrieti – kif jistgħu jiġu impunjati*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 7 ta' Diċembru, 2021.**

**Rikors Nru. 23/2021 GM**

**Ernest u Bernardette konjuġi Azzopardi**

**vs**

**Guido Fenech, Jane Bone u Maryanne Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Ernest u Bernardette konjuġi Azzopardi [detenturi tal-karta tal-identita' bin-numru 165655(M) u 253348(M) rispettivament li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

> Permezz ta' digriet mogħti fil-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tal-

konvenuti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru disa' mija u erbatax tas-sena elfejn u erbatax (914/2014) kontra l-atturi, u fil-kuntest ta' dak li ġie mitlub, żammet lill-atturi milli fl-art tagħhom sitwata fi Triq il-Warda, Qrendi, jagħmlu kwalsiasi xogħol ieħor ta' tħaffir f'distanza ta' inqas minn sitta u sebgħin ċentimetru (0.76 cm) mill-ħajt diviżorju tal-fond, għalqa jew art tal-konvenuti, b'dan illi ġie permess lill-atturi li jeżegwixxu kull xogħol ieħor – inkluż ta' tħaffir – fl-art tagħhom li jsir bogħod mid-distanza minima ta' sitta u sebgħin ċentimetru (0.76 cm) mill-ħajt diviżorju in kwistjoni, u ordnat ukoll lill-atturi jħallsu l-ispejjeż ta' dak il-proċediment.

Il-konvenuti ddeduċew il-pretensjoni li huma kkawtelaw permezz tal-att kawtelatorju fuq ċitat permezz tar-rikors maħluf bin-numru sitt mija sebgħa u sittin tas-sena elfejn u erbatax (667/2014) fl-ismijiet "Guido Fenech, Jane Bone u Maryanne Grixti vs. Ernest u Bernardette konjuġi Azzopardi", li ġie deċiż definittivament fis-sittax (16) t'Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Permezz ta' rikors preżentat fl-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-konvenuti talbu lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jogħġobha "*i. sabiex a tenur tal-artikolu 873(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-intimati sabiex jirrimedjaw dak li wettqu bi ksur tal-mandat fl-ismijiet premessi, u senjatament tordnalhom ukoll sabiex jerġgħu jqiegħdu l-ħajt in kwistjoni fl-istat li kien meta sar il-ftehim hawn fuq imsemmi, ii. Alternattivament, u f'każ illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talbiet enumerati (i) tordna lir-Reġistratur tal-Qrati, sabiex a tenur tal-Artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jinizzja proċeduri għal disprezz kontra l-intimati, u dan taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrielha xierqa u opportuni*".

Permezz ta' digriet (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala "id-Dikriet") mogħti fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet eċċezzjoni tal-atturi li l-mandat t'inibizzjoni bin-numru 914/2014 ma kienx għadu fis-seħħ.

Il-konjuġi Azzopardi jsostnu li d-Digriet huwa manifestament u pależement żbaljat kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, u li għalhekk għandhom interess jikkontestawh sabiex jeħilsu mill-effetti tal-mandat t'inibizzjoni fuq imsemmi.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

(1) tiddeċiedi u tiddikjara li l-mandat t'inibizzjoni bin-numru 914/2014 u akkordat fil-11 ta' Lulju, 2014, m'għadux aktar fis-seħħ u tistabbilixxi l-jum meta l-istess mandat ma baqax fis-seħħ;

(2) tirrevoka u tħassar id-Digriet, kif ukoll kull provvediment ieħor li jista' talvolta jingħata b'seħħ u b'effett tad-Digriet.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Guido Fenech, Jane Bone u Maryanne Grixti li permezz tagħha eċċepew illi:

1. L-atturi jeħtiġilhom qabel xejn jidentifikaw bid-dikjarazzjoni appożita, in-natura tal-azzjoni minnhom promossa, u/jew l-artikolu/i rilevanti fil-liġi abbażi ta' liema din l-azzjoni ġiet imressqa; dan bil-għan illi l-intimati jkunu f'qagħda aħjar illi jifformulaw l-kontestazzjoni tagħhom, dwar liema huma jirriservaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri, una volta li d-dikjarazzjoni hawn imsemmija tkun saret.

2. Fir-rigward tal-ewwel talba, l-atturi kellhom se mai jintavolaw il-proċeduri appożiti, provduti mill-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u mhux jagħmlu kawża *ad hoc* biex jottjenu dikjarazzjoni li l-mandat ta' inibizzjoni numru 914/2014, fl-ismijiet "Guido Fenech et vs Ernset Azzopardi et" m'għadux fis-seħħ.

3. Fir-rigward tat-tieni (ii) talba, l-azzjoni miġjuba mill-atturi hija nulla 'l għaliex l-provvediment li l-atturi qegħdin jittantaw jippjunaw bir-rikors maħluf tagħhom - l-provvediment mgħoti fl-erbatax ta' Diċembru elfejn wieħed u għoxrin (14/02/2021) (recte: 14.12.2020) - hija fil-fatt sentenza ta' natura parzjali (u mhux 'Digriet' kif qegħdin jikkontendu r-rikorrenti) mogħtija dwar l-ewwel eċċezzjoni miġjuba fil-proċeduri fl-ismijiet "Guido Fenech et vs Ernest Fenech et" 914/2014/4JZM, u li allura, għalhekk, ir-rikorrenti kien jeħtiġilhom illi jappellaw dik l-istess sentenza, skont kif trid il-liġi u mhux jimpjunawha bi proċeduri ad hoc ta' din in-natura. B'żieda mal-premess, "id-Digriet" li l-atturi qegħdin ifittxu jattakkaw m'huwa "Digriet" xejn 'l għaliex dak l-provvediment - is-sentenza parzjali - se mai ordnat "l-prosegwiment tas-smigħ" (Dok. 'GF1').

4. Is-sentenza parzjali suċċitata, kif mgħotija min din l-Onorabbli Qorti (kif diversament presjeduta) nhar l-erbatax ta' Diċembru elfejn wieħed u għoxrin (14/02/2021) (recte: 14.12.2020), fl-ismijiet "Guido Fenech et vs Ernest Fenech et" 914/2014/4JZM, hija korretta u ma timmeritax it-tibdil li qiegħed jiġi mitlub mill-atturi fir-rikors maħluf tagħhom.

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Fatti:**

Il-konvenuti ressqu rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni[1] kontra l-atturi, li ġie milqugħ. Permezz tiegħu, l-atturi ġew miżmuma milli "fl-art tagħhom sitwata fi Triq il-Warda, Qrendi, jagħmlu kwalsiasi xogħol ieħor ta' tħaffir f'distanza ta' inqas minn sitta u sebgħin ċentimetru (0.76cm) mill-ħajt diviżorju tal-fond, għalqa jew art tar-rikorrenti, b'dan illi huwa permess lill-intimati li jeżegwixxu kull xogħol ieħor – inkluż ta' tħaffir – fl-art tagħhom li jsir bogħod mid-distanza minima ta' sitta u sebgħin ċentimetru (0.76cm) mill-ħajt diviżorju in kwistjoni".

Il-konvenuti ddeduċew il-pretensjoni tagħhom, li in kawtela tagħha talbu l-ispedizzjoni tal-mandat imsemmi fil-paragrafu preċedenti, permezz ta' kawża[2] li ġiet deċiża fis-16 t'Ottubru, 2017, u minnha ma sar ebda appell.

Xi żmien wara li nqatgħet il-kawża, l-atturi għamlu xi xogħlijiet li bihom immodifikaw wieħed mill-ħitan diviżorji li jifred il-proprjetajiet tal-kontendenti.

Billi dehrilhom li b'dawk ix-xogħlijiet, l-atturi kienu marru kontra l-mandat t'inibizzjoni, fl-4 ta' Lulju, 2019 il-konvenuti ressqu rikors fl-atti ta' dak il-mandat, li permezz tiegħu u b'riferenza espressa għall-artikolu 873(4) tal-

---

[1] Rikors numru 914/2014 ippreżentat fit-13 ta' Ġunju, 2014, u milqugħ b'digriet tal-11 ta' Lulju, 2014.

[2] tar-rikors maħluf bin-numru 667/2014 AF fl-ismijiet "Guido Fenech, Jane Bone u Maryanne Grixti vs. Ernest u Bernardette konjuġi Azzopardi".

Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, talbu li l-atturi jiġu ordnati jirrimedjaw dak li wettqu bi ksur tal-mandat, kif ukoll, u b'mod alternattiv, sabiex ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili jiġi ordnat jieħu proċeduri kontra l-atturi a tenur tal-artikolu 1003A, ukoll minħabba l-allegat ksur tal-ordni kontenut fil-mandat.

L-atturi laqgħu għal dawn it-talbiet b'għadd ta' sottomissjonijiet, bl-ewwel waħda tkun proprju illi l-mandat t'inibizzjoni ma kienx għadu fis-seħħ, u għalhekk ma setax ikun li ġie miksur. Din il-Qorti diversament ippreseduta ċaħdet din l-eċċezzjoni bi provvediment mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2020 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Provvediment"), u ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tar-rikors tal-konvenuti.

**L-ewwel eċċezzjoni:**

In-natura tal-azzjoni hija ċara u għalhekk din l-eċċezzjoni ma kienx hemm lokha.

**It-tieni eċċezzjoni:**

Bit-tieni eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jsostnu illi li l-mod kif mandat t'inibizzjoni jiġi kontestat huwa permezz tal-proċedura preskritta fl-artikolu 836 tal-Kodiċi ritwali. B'danakollu, l-atturi m'humiex qed jimpunjaw il-mandat t'inibizzjoni, iżda l-Provvediment.

It-tieni eċċezzjoni għalhekk hija bbażata fuq premessa żbaljata.

**It-tielet eċċezzjoni:**

Skont il-konvenuti, il-Provvediment in kwistjoni huwa sentenza parzjali u għalhekk l-atturi messhom appellaw, u mhux għamlu kawża. Min-naħa l-oħra l-atturi jsostnu li l-Provvediment hu u digriet li la hu interlokutorju (u allura revokabbli *contrario imperio*) u lanqas definittiv (u allura sentenza) u li għalhekk jista' jiġi attakkat biss permezz ta' kawża.

Hija ġurisprudenza kostanti li l-liġi tagħna tirrikonoxxi tliet tipi ta' provvedimenti, u dawn huma dawk **definittivi**, dawk **interlokutorji**, u dawk li **la huma definittivi u lanqas interlokutorji**. "Tradizjonalment jingħad li hemm tliet xorta ta' digrieti, ċioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u li filwaqt li għall-ewwel u għat-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell[3].

Id-digrieti **definittivi** huma dawk li permezz tagħhom tiġi determinata u mitmuma kontroversja bejn il-partijiet, bħal ma huma s-sentenzi: *terminat negotium de quo agitur*[4].

Id-digrieti **interlokutorji** min-naħa l-oħra huma dak li permezz tagħhom tiġi deċiża xi kwistjoni li tirregola l-andament tal-kawża waqt li din tkun għadha miexja[5]: *non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam*[6]. Il-liġi trid li din ix-xorta ta' digriet ma tagħmilx ġudikat għall-

[3]Josef Gatt vs. Marisa Gatt, Appell, 8/5/2003. Ara wkoll fl-istess sens Paul Tanti pro et noe et vs. Sammy Mifsud et noe - Appell, 19/11/2001.
[4] Josef Gatt vs. Marisa Gatt, appena ċitata.
[5] Philip O. Gatt proprio et nomine vs. Adrian Busietta proprio et nomine, Prim'Awla, 9/5/2002.
[6] Tabib Joseph Grech vs. Mary Grech, Prim'Awla, 20/4/1989.

Qorti li tkun tagħtu, bil-konsegwenza li jista' jiġi revokat *contrario imperio* fi kwalunkwe stadju[7].

It-tielet xorta ta' digrieti huma dawk li **la huma definittivi u lanqas huma interlokutorji**. Id-distinzjoni proċedurali prinċipali ta' dan it-tielet tip ta' digriet huwa proprju li ma jistax jiġi revokat *contrario imperio* u minnu ma jistax isir appell, u jista' biss jiġi kontestat permezz ta' kawża istitwita skont il-proċedura ordinarja[8].

Din id-distinzjoni baqgħet tgħodd illum, salv il-modifikazzjonijiet li kienu saru bir-riforma proċedurali tas-sena 1995, li iżda ma jidhirx li jeffettwaw il-kontestazzjoni f'din il-kawża.

Eżempji tat-tielet speċje ta' digrieti huma:

- dawk li jingħataw fl-atti kawtelatorji[9]. digrieti mogħtija b'rabta ma' atti kawtelatorji ma jistgħu jitqiesu qatt bħala digrieti definittivi, jew sentenzi, billi qatt ma jaqtgħu il-kwistjoni bejn il-partijiet[10].

- dawk li jingħataw b'rabta ma' atti eżekuttivi, jew proċeduri ta' bejgħ b'irkant. Hemm ġurisprudenza attendibbli fis-sens illi digrieti mogħtijin fl-atti ta' proċeduri ta' subbasta ma huma qatt appellabbli[11]. Il-Qorti tal-Appell kellha l-okkażjoni li teżamina in-natura ta' digriet mogħti b'rabta ma' proċeduri ta'

---

[7] viz. artikolu 230 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili); Emanuel Abela vs. Perit Arkitett Fred Valentino, Appell, 4/12/1998.
[8] Francis Grima proprio et nomine vs. L-Onorevoli Prim Ministru et nomine, Qorti Kostituzzjonali, 21/6/1988.
[9] Paul Tanti proprio et nomine et vs. Sammy Mifsud et nomine, Qorti tal-Appell, 19/11/2001.
[10] Paul Tanti pro et noe et vs. Sammy Mifsud et noe (fuq ċitata), fuq l-istregwa tad-deċiżjoni Darryl Francis Grima pro et noe vs. L-Onorevoli Prim'Ministru et noe (Qorti Kostituzzjonali, 21/6/1988).
[11] Dottor Giovanni Sammut vs. Giuseppe Mifsud, Prim'Awla, 25/5/1962.

bejgħ bl-irkant ġudizzjarju. Fil-kawża **Mangion v Anastasi** [12] kien sar rikors fl-atti ta' bejgħ bl-irkant li permezz tiegħu intalab provvediment dwar kif kellha ssir tpaċija bejn il-kontendenti in segwitu għal liberazzjoni ta' proprjeta' komuni tagħhom u d-depożitu tal-prezz ta' liberazzjoni. Sar appell minn dan il-provvediment. Il-Qorti tal-Appell iddikjarat l-istess appell bħala irritu u null għaliex id-digriet hemmhekk mogħti ma kienx wieħed interlokutorju u lanqas definittiv, u għalhekk seta' jiġi mpunjat biss permezz ta' kawża.

Ikkunsidrat:

Il-Provvediment li qiegħed jiġi mpunjat ingħata fl-atti ta' mandat t'inibizzjoni. Ma jirrigwardax il-kontroversja proprju bejn il-kontendenti – li ġiet deċiża b'sentenza tal-16 ta' Ottubru 2017, imma jirrigwarda inċidenti oħra li huma marbutin biss ma' att kawtelatorju. Għalhekk, il-Provvediment mogħti in konnessjoni ma' tali rikors mhuwiex sentenza, iżda jaqa' fit-tielet kategorija ta' digrieti, u ċjoè dawk li ma humiex appellabbli, iżda li huma kontestabbli biss permezz ta' rikors maħluf li jiġi istitwit in kontradittorju tal-parti l-oħra.

Għalhekk it-tielet eċċezzjoni m'għandhiex fundament legali.

**Ir-raba' eċċezzjoni:**

Skont Art. 838B Kap 12:

> "(1) Sakemm ma jiġix imħassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li toħroġ il-mandat, kull mandat kawtelatorju għandu jibqa' fis-seħħ sa ħmistax-il ġurnata wara li l-kawża tgħaddi f'ġudikat.
>
> "(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), mandati kawtelatorji maħruġin skont l-artikolu

[12] fil-kawża Karen Mangion vs. David Anastasi (9/11/2012).

830(1) isiru eżekuttivi wara li kawża tgħaddi f'ġudikat… b'dan illi:

> "(a) fil-każ ta' mandat maħruġ skont l-artikolu 830(1)(b), (ċ), (d) u (f), il-kreditur għandu jippreżenta nota fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta l-kawża tkun għaddiet f'ġudikat fl-atti tal-istess mandat u jitlob li jestendi jew inaqqas l-effetti tal-mandat għas-somma ekwivalenti għall-ispejjeż legali, l-imgħaxijiet u d-differenza fis-sorte skont is-sentenza, liema nota għandha tiġi notifikata lid-debitur, u dawk kollha li għandhom interess;
>
> "(b) fil-każ ta' mandat maħruġ skont l-artikolu 830(1)(a) u (e), il-kreditur għandu jippreżenta rikors skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 388E fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta l-kawża tkun għaddiet f'ġudikat".

Fil-Provvediment, il-Qorti ikkonkludiet li bis-saħħa tal-Art. 838B(2), il-mandat ġie konvertit f'wieħed eżekuttiv. Dan għamlitu abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet: Il-mandat t'inibizzjoni huwa wieħed mill-mandati maħruġa skont l-artikolu 830(1). Dan ifisser li dak il-mandat ukoll isir eżekuttiv kif jgħaddi l-perjodu imsemmi fl-istess disposizzjoni. Dik il-qorti kompliet tgħid illi la darba l-paragrafi (a) u (b) ta' l-artikolu 838B(2) jippreskrivu l-formalitajiet li jridu jsiru sabiex il-mandati hemmhekk elenkati jiġu konvertiti minn kawtelatorji għal eżekuttivi, u la darba il-mandat t'inibizzjoni mhux wieħed mill-mandati msemmija fil-paragrafi (a) u (b), ifisser li ma hemm ebda formalità meħtieġa sabiex mandat t'inibizzjoni jiġi konvertit minn kawtelatorju għal eżekuttiv, u għalhekk il-mandat t'inibizzjoni *de quo* baqa' fis-seħħ.

L-atturi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, ma jaqblux ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet tal-qorti għal dawn ir-raġunijiet:

- Għandu jkun paċifiku illi l-atti eżekuttivi huma **<u>tassattivament</u>** elenkati fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-mandat t'inibizzjoni m'huwiex wieħed mill-mandati hemmhekk elenkati. Dan ifisser li bid-deċiżjoni tagħha, il-qorti adita bir-rikors bin-numru 914/2014/4 kienet qiegħda effettivament "tivvinta" mandat eżekuttiv ġdid, u dan huwa inawdit u mhux ammissibbli fil-liġi tal-proċedura tagħna. Huwa bil-wisq loġiku u naturali li d-disposizzjoni tal-artikolu 838B(2), u r-riferenza hemmhekk kontenuta għal "atti kawtelatorji", trid tinftiehem bħala riferenza għal dawk l-atti kawtelatorji li l-liġi tagħraf il-forma tagħhom anke taħt il-profil ta' atti eżekuttivi.

- Hija ġurisprudenza kostanti dik li tistabbilixxi li mandat t'inibizzjoni ma jistgħux jiġi ordnat b'mod perpetwu jew indefinit. Proprju hekk qiegħed jagħmel il-Provvediment.

Din il-qorti ma taqbilx li l-Provvediment joħloq mandat t'inibizzjoni perpetwu. B'danakollu, il-Qorti taqbel mal-atturi li l-mod ġeneriku li bih il-liġi (Art. 838B(2)) tiffakoltizza l-konverżjoni ta' atti kawtelatorji f'atti eżekuttivi m'għandux jiġi interpretat waħdu imma flimkien mad-disposizzjonijiet l-oħrajn tal-Kap 12, fosthom dawk li jelenkaw tassattivament l-atti eżekuttivi – li huma *numeros clausos*. Mhux l-atti kawtelatorji kollha għandhom atti eżekuttivi korrispondenti. Fost l-atti kawtelatorji li m'għandhomx att eżekuttiv korrispondenti għalihom hemm appuntu l-mandat t'inibizzjoni. Għalhekk meta l-liġi titkellem dwar il-possibilita` tal-konverżjoni minn atti kawtelatorji għal atti eżekuttivi, qiegħdha tippresupponi li l-mandat kawtelatorju jkollu mandat eżekuttiv korrispondenti għalih. Apparti dan, il-liġi tipprovdi għall-proċedura li għandha tiġi segwita f'mandati speċifiċi biex jiġu kkonvertiti f'mandati eżekuttivi. Il-fatt li ma tagħmilx riferenza għall-mandat t'inibizzjoni għandu jitqies li jfisser li l-liġi ma tqisux konvertibbli; u mhux li jibqa' fis-seħħ *ipso*

*iure* billi jiġi kkonverit t'att eżekuttiv mingħajr ħtieġa ta' ebda proċedura, kif huwa l-każ ta' mandat kawtelatorji li għandhom mandati eżekuttivi korrispondenti għalihom.

Għalhekk ir-raba' eċċezzjoni ma jistħoqqilhiex li tiġi milqugħa.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti għajr l-eċċezzjoni dwar l-ispejjeż.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddeċiedi u tiddikjara li l-mandat t'inibizzjoni bin-numru 914/2014 u akkordat fil-11 ta' Lulju, 2014, m'għadux aktar fis-seħħ.

3. Tilqa' t-tieni talba billi tirrevoka u tħassar id-digriet tal-14 ta' Diċembru 2020, kif ukoll kull provvediment ieħor li jista' talvolta jingħata b'seħħ u b'effett tal-istess Digriet.

Stante novita` tal-każ, spejjeż jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA